# BIEX MA JINTESEW QATT

*Minn Joseph G. Scerri B.A.*

## Francesco Farruġia



Francesco Farruġia twieled fl-1866 minn Felic u Gaetana imwielda Vella. Frenc tal-Ħofra, kif kien aktar magħruf, trabba fl-inħawi tal-Parrocca ta' San Pawl. Meta kiber qabad il-mestier ta' bajjad. Iżda hu żżewweġ lil Antonia, imwielda Żammit u kellu ħamest itfal: Gaetano, Carmelo, Antonio, Rosanna u Julietta. Minn dawn, Ninu u Karmnu (tan-Nitfa) kienu bandisti mal-Banda Konti Ruġġieru. Huma kienu jdoqqu l-flawt u l-ewfonju rispettivament filwaqt li Frenc kien idoqq l-ottavin mal-istess banda. Mhux biss iżda lil Frenc insibuh wkoll għal snin twal membru fil-kumitat tal-Każin San Pawl. Kien attiv ferm u skond informazzjoni mogħtija mill-ex-president is-Sur Publiju Farruġia insibu li kien bis-saħħa ta' Frenc li fl-1886 il-Kumitat tal-Każin San Pawl akkwista b'kera l-palazz li wara 109 snin għadu fih sal-llum.

Dan għaliex Frenc kien qrib ħafna tal-Familja Manduca, il-propjetarji tal-fond imsemmi. Hu sar jaf minn għand dawn li l-post ser jitbattal u mimli entużjażmu informa b'dan lil-membri tal-Kumitat li marru flimkien ma' Frenc stess biex jikru l-post kif fil-fatt ġara. Aktar tard fl-1944 is-Socjeta San Pawl, Banda Konti Ruġġieru xtrat dan il-post minn għand il-familja Montalto.

Iżda Frenc kien ukoll attiv ħafna fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl. Hu flimkien m'uliedu kienu jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tas-soqfa, aperturi u xogħol ieħor. Frenc kien jieħu ħsieb li kull sena jsir ix-xogħol kollu meħtieġ. Kien ukoll jieħu ħsieb l-armar tat-tużell u tad-damask. Frenc kien fratell fil-Fratellanza ta' San Pawl u tas-Sagrament.

Ta' min jgħid li ibnu Karmnu kien għal żmien twil arkivista tal-Banda Konti Ruġġieru. Din il-kariga llum jokkupha n-neputi tiegħu Frankie, filwaqt li bint in-neputija tiegħu, Rita Grech tokkupa l-kariga ta' membru, kummissjoni Banda fil-Kumitat tal-Każin San Pawl.

Frenc miet nhar l-24 ta' Frar, 1948 fl-għomor ta' 82 sena u wara quddiesa presente cadavere fil-parrocca ta' San Pawl ġie midfun fil-kannierja tal-istess parrocca.

## Carmelo Debono



Carmelo Debono twieled ir-Rabat fl-1893 u ġie mgħammed fil-Parrocca ta' San Pawl ir-Rabat. Il-ġenituri tiegħu kienu Ġużeppi u Maria, imwielda Muscat.

Karmnu Debono magħruf bħala Sannata kien jaħdem bħala ġardinar mal-gvern. Hu żżewweġ lil Fidela, imwielda Muscat u kien joqgħod fi triq il-Kulleġġ.

Sa min eta żgħira Karmnu tgħallem il-mużika fi ħdan il-Każin San Pawl, Banda Konti Ruġġieru u dan wassal biex beda jdoqq is-sax sopran mal-istess banda.

Għal xi żmien kien ukoll delegat banda fil-Kumitat tal-Każin San Pawl. Kien ukoll jifforma parti mill-Kumitat tal-1944 meta ġie mfakkar il-75 sena mit-twaqqif tal-każin San Pawl, Banda Konti Ruġġieru. Kien f'dan iż-żmien li Karmnu wera interess kbir fl-arkivji mużikali tal-banda. Hu kien jiġbor il-fondi u jirsisti biex tinxtara mill-Italja mużika bi traskrizzjonijiet mill-aqwa' ta' surmastrijiet rinomati bħal per eżempju Mro. Vessella.

Minħabba li kien isibha difficli biex jesprimi ruħu bit-Taljan kien jitlob lis-Sur Joseph Spiteri u aktar tard lil Kan. Carm Cefai biex jikkorispondu f'ismu. Bis-saħħa t'hekk l-arkivju tal-banda kompla jistgħana b'mużika mill-aqwa'.

Aktar tard lil Karmnu insibuh ukoll jagħti daqqa t'id fil-Kumitat tal-Festi Esterni Corpus Domini. Kien inkarigat flimkien ma Pawlu Borġ biex jiġbor l-arbural ta' Corpus. Dan il-ġbir kien jibda minn żewġt iħdud wara l-Għid u jispicca fil-festa u kien isir mill-pjazza tal-parrocca.

Flimkien ma Toni Cilia kien jorganizza lotteriji kbar ta' darba f'sena fejn ir-rigali kienu jkunu kbar (għal dak iż-żmien). Dawn kienu jkunu ħafna drabi mgħotijin b'xejn. Fost l-oġġetti għall-lotteriji kont issib magni tal-ħjata w għoġġiela.

Karmnu kien ukoll membru tal-fratellanzi ta' San Pawl u tas-Sagrament. Karmnu Debono miet nhar it-18 ta' Novembru 1953 fir-Rabat. Wara quddiesa presente cadavere fil-parrocca ta' San Pawl, ġie midfun fil-kannierja tal-istess knisja tar-Rabat.

Ħajr lil-familja Grech, Emanuel Borġ, l-familja Brincat, il-Kan. C. Cefai, il-Kan. P.P. Micallef u Piju Scerri għat-tagħrif li għaddewli. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil Kan. T. Delicata, Arcipriet tal-informazzjoni li għaddielna mill-arkivji parrokkjali.